

Rapport Annwali

2013

Sommarju Eżekuttiv



KONTROLLUR EWROPEW
GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA



Rapport Annwali

2013

Sommarju Eżekuttiv



**Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.**

Numru tat-telefown waħdieni bla ħlas (*):

00 800 6 7 8 9 10 11

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn
(għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2014

ISBN 978-92-9242-035-2
doi:10.2804/34707

© L-Unjoni Ewropea, 2014

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport ikopri s-sena 2013 bħala l-għaxar sena ta' attività tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) bħala awtorità ta' sorveljanza indipendenti, li hija inkarigata biex tiżgura li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' persuni fiżiċi, u b'mod partikolari l-privatezza tagħhom fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali, jiġu rrispettati mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE¹. Dan ikopri wkoll l-aħħar sena tal-mandat kondiviż ta' Peter Hustinx, KEPD u Giovanni Buttarelli, Assistent Kontrollur bħala membri ta' din l-awtorità.

Il-qafas legali, ir-Regolament (KE) Nru 45/2001², li l-KEPD jaġixxi fih, jipprevedi għadd ta' kompiti u setgħat li jiddistingwu t-tliet rwoli ewlenin tagħna ta' sorveljanza, konsultazzjoni u kooperazzjoni. Dawn ir-rwoli jkomplu jservu bħala pjattaformi strateġiċi għall-attivitàjiet tagħna u huma riflessi fl-istqarrija tal-missjoni tagħna:

- aħna **nagħmlu monitoraġġ u niżguraw** li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE jikkonformaw mas-salvagwardji legali eżistenti kull meta jipproċessaw l-informazzjoni personali;
- aħna **nagħtu pariri** lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE dwar il-kwistjonijiet kollha rilevanti, b'mod speċjali dwar il-proposti għal-leġiżlazzjoni li jkollhom impatt fuq il-protezzjoni ta' informazzjoni personali;
- aħna **nikkooperaw** ma' awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza u ma' korpi ta' sorveljanza rilevanti oħrajn bil-ħsieb li tittejjeb il-konsistenza fil-protezzjoni tal-informazzjoni personali;
- aħna **nagħmlu monitoraġġ** ta' teknoloġija ġdida li tista' taffettwa l-protezzjoni ta' informazzjoni personali;

- aħna **nintervjenu** quddiem il-**Qorti tal-Ġustizzja tal-UE** biex nipprovdur pariri esperti dwar l-interpretazzjoni tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data.

L-**Istrateġija 2013-2014**, flimkien mar-**Regoli ta' Proċedura** u l-Pjan ta' **Ġestjoni Annwali** tagħna, kienu sorsi ta' gwida siewja, li tartikola l-viżjoni u l-metodoloġija meħtieġa biex inkunu nistgħu ntejbu l-kapaċità tagħna bil-għan li naħdmu b'mod effettiv fi klima ta' awsterità. L-istituzzjoni tagħna issa laqgħet maturità sħiħa, b'għanijiet u indikaturi tal-prestazzjoni ċari.

Fis-sorveljanza tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, meta pproċessajna data personali, aħna għamilna interazzjoni ma' aktar uffiċjali tal-protezzjoni tad-data f'aktar istituzzjonijiet u korpi minn qatt qabel. Barra minn hekk, għamilna għadd ta' sħarriġ li wera li l-biċċa l-kbira tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, inklużi ħafna aġenziji, għamlu progress tajjeb fil-ħarsien tar-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Data, għalkemm għad hemm oħrajn li għandhom iżidu l-isforzi tagħhom.

Fil-qasam tal-konsultazzjoni, l-għoti ta' pariri dwar miżuri leġiżlattivi ġodda u r-reviżjoni tal-qafas legali tal-UE għall-protezzjoni tad-data komplew ikunu fuq quddiem nett tal-aġenda tagħna. L-Aġenda Diġitali u r-riskji tat-teknoloġiji ġodda għall-privatezza kienu wkoll aspetti sinifikanti tal-2013. Madankollu, l-implimentazzjoni tal-programm ta' Stokkolma fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja u kwistjonijiet fis-suq intern, bħar-riforma tas-settur finanzjarju, u fis-saħħa pubblika u l-affarijiet tal-konsumaturi, ukoll kellhom impatt fuq il-protezzjoni tad-data. Fl-istess waqt, aħna żidna wkoll il-kooperazzjoni tagħna ma' awtoritajiet oħrajn ta' sorveljanza, b'mod partikolari fir-rigward tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira.

1 It-termini "istituzzjonijiet" u "korpi" tar-Regolament (KE) Nru 45/2011 jintużaw matul ir-rapport kollu. Dan jinkludi wkoll l-aġenziji tal-UE. Għal lista sħiħa, żur il-link li ġej: http://europa.eu/about-eu/institutions-bodies/index_mt.htm

2 Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

IL-KISBIET EWLENIN FL-2013

Għaxar snin wara li twaqqfet, il-KEPD hija organizzazzjoni matura li kapaċi tindirizza d-diversi sfidi ta' awtorità għall-protezzjoni tad-data f'ambjent ferm dinamiku. L-isfida operazzjonali ewlenija tagħna fl-2013 kienet li l-attivitajiet tagħna komplew jikbru kemm fl-iskala kif ukoll fl-ambitu filwaqt li kien għad hemm fis-seħħ restrizzjonijiet baġitarji minħabba l-kriżi finanzjarja.

- **Verifika minn qabel**

Rajna żieda fl-għadd ta' notifikati għal verifika minn qabel li saru fil-kuntest tax-xogħol ta' Sorveljanza u Infurzar tagħna. Din iż-żieda hija primarjament minħabba l-iskadenza ta' Ġunju 2013 għal notifikati għal verifika minn qabel *ex post* għall-operazzjonijiet tal-ipproċessar diġà fis-seħħ. Iż-żieda fl-għadd ta' Opinjonijiet li ħriġna matul is-sena hija wkoll riżultat tal-għadd kbir ta' notifikati li rċevejna. Komplejna nsegwu rakkomandazzjonijiet li saru fl-Opinjonijiet ta' verifika minn qabel diġà maħruġa tal-KEPD u stajna nagħlqu għadd konsiderevoli ta' każijiet.

- **Kultura ta' protezzjoni tad-data**

Biex niżguraw li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE huma konxji tal-obbligi tagħhom u jkunu responsabbli għall-konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data, komplejna nipprovdnu gwida u taħriġ lill-kontrolluri, lill-uffiċjali tal-protezzjoni tad-data (UPD) u lill-koordinaturi tal-protezzjoni tad-data (KPD). Fl-2013, dan sar primarjament fil-forma ta' **Linji Gwida** dwar l-Akkwist Pubbliku, l-Għotjiet u l-Esperti Esterni; taħriġ bażiku għal UPD ġodda dwar il-proċedura ta' verifika minn qabel; u taħriġ speċjali għall-UPD ta' ħames Intrapriżi Konġunti tal-UE. L-inizjattivi tagħna ta' sensibilizzazzjoni fi ħdan l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE inkludew l-organizzazzjoni ta' workshops għall-kontrolluri fil-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF) u fl-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) u workshops ġenerali fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika, l-użu tal-apparati mobbli fuq il-post tax-xogħol u fuq is-siti elettroniċi ġestiti mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE.

- **Stħarriġ u politiki**

Ir-riżultati tar-raba' eżerċizzju ġenerali ta' inventarju tagħna, l-Istħarriġ tal-2013, li tnieda fis-17 ta' Ġunju 2013 bħala parti mill-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-konformità tagħna, se jiġi ppubblikat kmieni fl-2014. Ippubblikajna wkoll rapport li jiġbor ir-riżultati tal-istħarriġ dwar l-istatus tal-koordinaturi tal-protezzjoni tad-data fil-Kummissjoni Ewropea f'Jannar 2013.

Aħna adottajna l-Politika ta' Spezzjoni tagħna fl-2013, u din stabbilixxiet l-elementi ewlenin tal-proċedura ta' spezzjoni tal-KEPD, offriet gwida lil dawk kollha kkonċernati u żgurat trasparenza lill-partijiet interessati. Ġie miġbur u anke adottat manwal komprensiv dwar l-ispezzjoni interna għall-kollegi tal-KEPD li jindirizzaw l-ispezzjonijiet fuq il-bażi tal-esperjenza fi spezzjonijiet preċedenti.

- **Ambitu tal-konsultazzjoni**

Fis-snin riċenti, l-għadd ta' Opinjonijiet tal-KEPD maħruġa għal proposti dwar leġislazzjoni tal-UE u dokumenti relatati żdied b'mod kostanti. Fl-2013 dan in-numru naqas: ħriġna 20 Opinjoni leġislattiva u 13-il sett ta' kummenti formali, u pprovdejna parir informali lill-Kummissjoni jew istituzzjonijiet oħrajn fi 33 każ. Iż-żewġ raġunijiet ewlenin għal dan it-tnaqqis huma li l-isforzi tagħna li niffokaw fuq prijoritajiet strateġiċi kienu ta' suċċess, u li ħafa riżorsi ġew iddedikati għar-riforma tal-qafas tal-protezzjoni tad-data.

- **Reviżjoni tal-qafas legali għall-protezzjoni tad-data**

Matul l-2013, komplejna nkunu involuti mill-qrib fil-ħidma li għaddeja dwar ir-riforma tal-qafas għall-protezzjoni tad-data tal-UE. Fil-15 ta' Marzu 2013, bgħatna kummenti addizzjonali dwar ir-riforma lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-Kunsill. Komplejna wkoll l-involvement tagħna fid-diskussjonijiet li segwew kemm fil-Parlament kif ukoll fil-Kunsill.

- **Aġenda diġitali u teknoloġija**

Indirizzajna l-kwistjoni tal-aġenda diġitali u l-internet diversi drabi, pereżempju, fl-Opinjoni tagħna dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar L-Aġenda Diġitali għall-Ewropa - Nixprunaw it-tkabbir Ewropew b'mod diġitali, l-Opinjoni tagħna dwar is-Suq Uniku Ewropew għall-komunikazzjoni elettronika u l-Opinjoni dwar green paper bit-titolu: It-tħejjija għal Dinja Awdjożiviva Konverġenti b'Mod Komplet: Tkabbir, Ħolqien u Valuri.

- **Qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja**

Fil-Qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja (AFSJ), ippubblikajna Opinjonijiet dwar il-Europol, l-istrateġija ta' ċibersigurtà tal-UE u l-fruntieri intelliġenti, kif ukoll dwar reġistri tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) UE-Kanada u l-mudell Ewropew tal-iskambju tal-informazzjoni.

- **Kooperazzjoni mal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data**

Fil-qasam tal-kooperazzjoni, komplejna nikkontribwixxu b'mod attiv għax-xogħol tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29. B'mod partikolari, konna involuti ħafa bħala rapporteur jew korapporteur għall-Opinjonijiet dwar il-limitazzjoni tal-iskop u dwar l-interess leġittimu (is-sottogrupp dwar id-dispożizzjonijiet ewlenin), l-Opinjoni dwar it-template tal-valutazzjoni tal-impatt tal-protezzjoni tad-data fuq in-netwerk intelliġenti (is-sottogrupp dwar it-teknoloġija) u l-Opinjoni dwar id-data miftuħa (is-sottogrupp dwar il-Gvern elettroniku).

- **Sorveljanza Kkoordinata**

Fl-2013, ipprovdjejna s-segretarjat għall-Grupp għall-Koordinazzjoni tas-Sorveljanza tal-SIS II il-ġdid (SCG) u komplejtna nipresiedu l-EURODAC, il-VIS u l-SCG tas-CIS.

Il-bidliet fis-sorveljanza kkoordinata kienu akkumpanjati minn sfidi. Ir-Regolament EURODAC il-ġdid inkluda emendi sinifikanti, bħall-aċċess possibbli mill-awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi għad-data tal-EURODAC. Barra minn hekk, l-SIS II saret operazzjonali. Biex jitnaqqsu l-piżijiet finanzjarji, tal-ivvjaġġar u amministrattivi, stabbilixxjuna laqgħat tal-SCG wara xulxin u kellna l-għan li fejn possibbli niżguraw politiki ta' sorveljanza tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira konsistenti u orizzontali.

Il-mudell tal-SCG se jikber fl-2014 bi grupp għall-koordinazzjoni tas-sorveljanza ġdid għas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI). Ikkonsultajna lill-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data (DPA) nazżjonali u l-Kummissjoni biex inwieżnu l-istatus u l-iżviluppi fir-Regolament dwar l-IMI sabiex norganizzaw l-ewwel laqgħa għall-grupp fl-2014.

- **Politika tal-IT**

Fir-rigward tal-politika tal-IT tagħna, ikkontribwixxjuna għal diversi Opinjonijiet dwar proposti tal-Kummissjoni, li huma strateġiċi fil-futur tas-soċjetà diġitali fl-Ewropa. L-għarfien espert tagħna fl-IT irriżulta wkoll biex il-KEPD imexxi żjara fl-Aġenzija tal-UE għal Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fil-kuntest tal-migrazzjoni tal-SIS II. Dan l-għarfien espert kien utli ħafna fil-każijiet ta' sorveljanza tagħna, inklużi lmenti, verifiki minn qabel u spezzjonijiet.

L-iskambji tagħna mal-persunal rilevanti fl-amministrazzjoni tal-UE fit-tnejn tal-linji gwida tagħna relatati mal-protezzjoni tad-data u l-kwistjonijiet tat-teknoloġija bbenefikaw minn dan l-għarfien espert fl-IT; dawn l-iskambji bdew diskussjonijiet fl-istituzzjonijiet tal-UE dwar l-approċċ ġenerali tagħhom għall-valutazzjoni tar-riskju u l-miżuri tas-sigurtà fid-dawl tal-iżvelar tad-dgħufijiet tal-użu wiesaw' ta' għodod kriptografiċi u tas-sigurtà.

- **Informazzjoni u Komunikazzjoni**

Fil-qasam tal-komunikazzjoni, żidna l-viżibbiltà tal-KEPD fil-livell istituzzjonali meta wettaqna r-rwoli superviżorji, konsultattivi u kooperattivi tagħna. Aħna nużaw għadd ta' indikaturi, bħall-għadd ta' talbiet għall-informazzjoni miċ-ċittadini, mistoqsijiet mill-midja u talbiet għall-intervisti (relazzjonijiet mal-istampa), l-għadd ta' abbonati għall-bullettin tagħna, is-segwaċi tal-kont tal-KEPD fuq Twitter, kif ukoll l-istediniet lil kelliema u t-traffiku fuq is-sit elettroniku. Dawn kollha jappoġġjaw il-viżjoni li qed insiru dejjem aktar punt ta' referenza għal kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data fil-livell tal-UE.

Kien hemm żieda konsistenti fl-għadd ta' żjarat fuq is-sit elettroniku tal-KEPD matul is-sena (63 % meta mqabbel mal-2012), l-għadd ta' żjarat ta' studju żdied (17-il grupp, meta mqabbel ma' tnejn fl-2012), kif ukoll l-għadd ta' talbiet għall-informazzjoni u l-pariri li rċevjuna minn individwi (176 mistoqsija bil-miktub tradotti f'żieda ta' 51 %

mill-2012). F'Diċembru, nedejna paġna korporattiva fuq LinkedIn li huwa post ieħor fejn il-KEPD jiġi promoss bħala istituzzjoni, fejn insaħħu l-preżenza tagħna online u ntejbu l-viżibbiltà tagħna.

- **Organizzazzjoni interna**

Wara t-tluq tal-Kap tas-Settur tal-Operazzjonijiet, l-Ippjanar u l-Appoġġ wara li s-sistema tal-ġestjoni tar-rekords (CMS) tagħna bdiet topera f'Ottubru 2013, aħna strutturajna mill-ġdid l-iskema tal-organizzazzjoni tagħna sabiex it-tim tal-ġestjoni tar-rekords issa jirrapporta lid-Direttur.

Minbarra r-rakkomandazzjonijiet tas-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) u biex inżidu l-effiċjenza, il-funzjoni tal-Koordinatur tal-Kontroll Intern ġiet isseparata mit-tim tal-Baġit u l-Amministrazzjoni tar-Riżorsi Umani (HRBA) u issa jirrapporta wkoll lid-Direttur.

- **Ġestjoni tar-riżorsi**

Fl-2013, żidna b'suċċess ir-rata tal-implimentazzjoni tal-baġit tagħna. Madankollu, ir-riżultat finali naqas milli jissodisfa l-istennijiet tagħna minħabba d-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-aġġustament tas-salarji tal-persunal tal-UE. Din id-deċiżjoni mhux mistennija ġiet adottata tard matul is-sena, li ftit ħalliet marġini għal manuvra biex norganizzaw ir-riallokazzjoni. Barra minn hekk, il-fatt li l-Kunsill irrifjuta li jikkunsidra kwalunkwe trasferiment lejn linji oħrajn mill-baġit tas-salarji naqqas aktar il-marġini. Kieku, kif kellha l-għan il-Kummissjoni, intlaħaq ftehim bejn il-Kunsill u l-Parlament qabel l-aħħar tas-sena, ir-rata tal-implimentazzjoni finali (84.7 %) kienet tkun ogħla (87.2 %).

Ċifri ewlenin tal-KEPD fl-2013

→ ġew adottati 91 Opinjoni ta' verifika minn qabel u 21 Opinjoni mingħajr verifika minn qabel

→ waslu 78 ilment, li 30 minnhom kienu ammissibbli

→ saru 37 konsultazzjoni dwar miżuri amministrattivi

→ saru 8 spezzjonijiet fuq il-post (inklużi 2 żjarat għal ġbir ta' informazzjoni) u 3 żjarat

→ ġiet ippubblikata Linja Gwida waħda dwar l-ipproċessar ta' informazzjoni personali fil-qasam tal-akkwist

→ inħarġu 20 Opinjoni leġiżlattiva

→ inħarġu 13-il sett ta' kummenti formali

→ inħarġu 33 sett ta' kummenti informali

Strateġija 2013-2014

Fl-Istrateġija 2013-2014 tagħna, identifikajna għadd ta' għanijiet strateġiċi biex jgħinu jżidu l-impatt tal-attivitajiet ewlenin tagħna fuq il-protezzjoni tad-data fil-livell Ewropew. Biex nivvalutaw il-progress tagħna lejn dawn l-għanijiet, identifikajna l-attivitajiet li għandhom rwol ewleni fl-ilħuq tal-għanijiet tagħna. L-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin (KPI) se jgħinuna biex nimmonitorjaw u naġġustaw, jekk meħtieġ, l-impatt tax-xogħol tagħna u l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi tagħna.

B'mod ġenerali, ir-riżultati juru xejra pożittiva fil-prestazzjoni tal-attivitajiet tagħna. L-implimentazzjoni

tal-istrateġija qiegħda fit-triq it-tajba b'mod wiesa' u ma hija meħtieġa l-ebda miżura korrettiva f'dan l-istadju.

It-tabella ta' valutazzjoni tal-KPI

It-tabella ta' valutazzjoni tal-KPI tinkludi deskrizzjoni qasira tal-KPI u l-metodi tal-kalkolu.

Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet l-indikaturi jitkejlu fl-isfond tal-miri inizjali. Għal tliet indikaturi, ir-riżultati tal-2013 se jstabbilixxu l-punti ta' riferiment għas-snin li ġejjin.

KPI	Deskrizzjoni	Riżultati 30.11.2013	Mira tal-2013
KPI 1	Għadd ta' spezzjonijiet/żjarat imwettqa. <i>Kejl:</i> imqabbel mal-mira	3 żjarat 8 spezzjonijiet	minimu ta' 8
KPI 2	Għadd ta' inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni u ta' taħriġ fi ħdan l-istitutazzjonijiet u l-korpi tal-UE li organizzajna aħna jew li organizzajna flimkien ma' oħrajn (workshops, laqgħat, konferenzi, taħriġ u seminars). <i>Kejl:</i> imqabbel mal-mira	4 inizjattivi ta' taħriġ 4 workshops (3 f'kooperazzjoni mal-ITP)	8 workshops + taħriġ
KPI 3	Livell ta' sodisfazzjon tal-UPD/KPD dwar it-taħriġ u l-gwida. <i>Kejl:</i> l-istħarriġ dwar is-sodisfazzjon tal-UPD/KPD li għandu jitnieda kull darba li jiġi organizzat taħriġ jew kull darba li tinħareġ gwida	Taħriġ bażiku tal-UPD: rispons pożittiv ta' 70 % Taħriġ tal-persunal tal-EDA: rispons pożittiv ta' 92 %	rispons pożittiv ta' 60 %
KPI 4	Għadd ta' opinjonijiet formali u informali tal-KEPD ipprovduti lil-leġiżlatur. <i>Kejl:</i> imqabbel mas-sena preċedenti	Opinjonijiet: 20 Kummenti formali: 13 Kummenti informali: 33	<i>l-2013 bħala punt ta' riferiment.</i>
KPI 5	Rata tal-implimentazzjoni tal-każijiet fl-inventarju tal-politika tagħna li identifikajna għal azzjoni. <i>Kejl:</i> perċentwal ta' inizjattivi "Ħomor" (fejn l-iskadenza għal kummenti tkun għaddiet) implimentati kif ippjanat fl-Inventarju tal-2013	90 % (18/20)	90 %
KPI 6	Għadd ta' każijiet indirizzati mill-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29 li għalihom il-KEPD ipprova kontribut bil-miktub sostanzjali. <i>Kejl:</i> imqabbel mas-sena preċedenti	13	<i>l-2013 bħala punt ta' riferiment</i>
KPI 7	Għadd ta' każijiet fejn ġiet ipprovduta gwida dwar l-iżviluppi teknoloġiċi. <i>Kejl:</i> imqabbel mal-mira	21	20
KPI 8	Għadd ta' żjarat fuq is-sit elettroniku tal-KEPD. <i>Kejl:</i> imqabbel mas-sena preċedenti	293 029 (+63 % meta mqabbel mal-2012)	<i>l-2013 bħala punt ta' riferiment</i>
KPI 9	Rata tal-implimentazzjoni tal-baġit <i>Kejl:</i> ammont ta' hłasijiet ipproċessati matul is-sena kondiviżi bil-baġit tas-sena.	84.7 %	85 %
KPI 10	Rata tal-implimentazzjoni tat-taħriġ għall-persunal tal-KEPD <i>Kejl:</i> għadd ta' jiem ta' taħriġ reali kondiviżi bl-għadd ta' jiem ta' taħriġ smati	85 %	80 %

Il-KPI jimplimentaw l-għanijiet strateġiċi kif ġej:

1. **Jippromwovv *kultura ta' protezzjoni tad-data* fi ħdan l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE li permezz tagħha jkunu konxji tal-obbligi tagħhom u jkunu responsabbli għall-konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data.**

Il-KPI numri 1, 2 u 3. Intlaħqu l-miri kollha.

2. **Jiżguraw li l-leġiżlatur tal-UE (il-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill) ikun konxju tar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data u l-protezzjoni tad-data tkun integrata fil-leġiżlazzjoni l-ġdida.**

Il-KPI numri 4 u 5. Intlaħqet il-mira għall-KPI numru 5. Ir-riżultati tal-2013 se jiddeterminaw il-mira għall-KPI numru 4.

3. **Itejbu l-kooperazzjoni tajba mal-Awtoritajiet għall-Protezzjoni tad-Data, b'mod partikolari d-WP29, biex jiżguraw konsistenza akbar tal-protezzjoni tad-data fl-UE.**

Ir-riżultati tal-2013 se jiddeterminaw il-mira għall-KPI numru 6.

Il-KPI numru 7 jirreferi għall-għanijiet strateġiċi 1, 2 u 3. Il-mira ntlaħqet.

4. **Jiżviluppaw strateġija ta' komunikazzjoni kreattiva u effettiva.**

Ir-riżultati tal-2013 se jiddeterminaw il-mira għall-KPI numru 8.

5. **Itejbu l-użu tar-riżorsi umani, finanzjarji, tekniċi u organizzazzjonali tal-KEPD (permezz ta' proċessi, awtorità u għarfien adegwati).**

Il-KPI numri 9 u 10. Intlaħqet il-mira għall-KPI numru 10.

Ma lħaqniex il-mira għall-KPI numru 9. F'dan ir-rigward, filwaqt li żidna r-rata tal-implimentazzjoni tal-baġit tagħna, ir-riżultat finali naqas milli jissodisfa l-mira, wara d-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-aġġustament tas-salarji tal-persunal tal-UE. Kieku l-Qorti approvat l-approċċ propost tal-Kummissjoni, ir-rata tal-implimentazzjoni finali tagħna (84.7 %) kienet tkun oġhla (87.2 %) u konna nilħqu l-mira tagħna.

SORVELJANZA U INFURZAR

Wieħed mir-rwoli ewlenin tal-KEPD huwa li jissorvelja, b'mod indipendenti, l-operazzjonijiet tal-ipproċessar imwettqa mill-istituzzjonijiet jew il-korpi Ewropej. Il-qafas legali huwa r-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Data (KE) Nru 45/2001, li jistabbilixxi għadd ta' obbligi għal dawk li jipproċessaw id-data, flimkien ma' għadd ta' drittijiet għal dawk li tkun qiegħda tiġi pproċessata d-data personali tagħhom.

Il-kompiti ta' sorveljanza jvarjaw mill-għoti ta' pariri u appoġġ lill-uffiċjali tal-protezzjoni tad-data permezz tal-verifika minn qabel ta' operazzjonijiet ta' pproċessar tad-data riskjużi, għat-twettiq ta' investigazzjonijiet, inklużi spezzjonijiet fuq il-post u l-indirizzar tal-ilmenti. Pariri oħrajn lill-amministrazzjoni tal-UE jistgħu jiġu pprovduti f'konsultazzjonijiet dwar miżuri amministrattivi jew il-pubblikazzjoni ta' linji gwida tematiċi.

L-għan strateġiku tagħna

Li nippromwovu "kultura ta' protezzjoni tad-data" fi f'dan l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE sabiex ikunu konxji tal-obbligi tagħhom u jkunu responsabli għall-konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data.

Uffiċjali tal-Protezzjoni tad-Data

L-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE għandu jkollhom mill-inqas uffiċjal wieħed tal-protezzjoni tad-data (UPD). Fl-2013, inħatru ħames UPD ġodda, kemm fl-istituzzjonijiet u l-korpi eżistenti, kif ukoll fl-aġenziji jew l-intrapriżi konġunti ġodda, sabiex b'hekk l-għadd totali ta' UPD kien jammonta għal 62. L-interazzjoni regolari magħhom u man-netwerk tagħhom hija kundizzjoni importanti għal sorveljanza effettiva. Il-KEPD ħadem mill-qrib mal-*kwartett tal-UPD* magħmul minn erba' UPD (il-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel) li jikkoordinaw in-netwerk tal-UPD. Il-KEPD attenda għal-laqqgħat tal-UPD li saru f'Marzu fl-EMCDDA f'Lisbona u ospita oħra fi Brussell f'Novembru. F'dawn il-laqqgħat, ħadna l-opportunità biex naġġornaw lill-UPD dwar ix-xogħol tagħna u biex niddeskrivu fil-qosor l-iżviluppi riċenti fil-protezzjoni tad-data tal-UE.

Verifika minn qabel

Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 jistabbilixxi li l-operazzjonijiet kollha tal-ipproċessar ta' data personali li x'aktarx jippreżentaw riskji speċifiċi għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data għandhom ikunu soġġetti għal verifika minn qabel mill-KEPD. Il-KEPD imbagħad jiddetermina jekk l-ipproċessar huwiex konformi mar-Regolament jew le.

Fl-2013, rajna żieda fl-għadd ta' notifiki għal verifika minn qabel. Din iż-żieda hija primarjament minħabba l-iskadenza ta' Ġunju 2013 għal notifiki għal verifika minn qabel *ex post* għall-operazzjonijiet tal-ipproċessar diġà fis-seħħ. Minkejja l-fatt li għal dawn il-każijiet *ex post*, il-KEPD mhuwiex marbut bl-iskadenza ta' xahrejn li fiha jrid jadotta Opinjoni, għamilna sforzi biex inwasslu l-Opinjoni-jiet tagħna f'perjodu ta' żmien qasir. Iż-żieda fl-għadd ta' Opinjonijiet maħruġa - 91 Opinjoni ta' verifika minn qabel u 21 Opinjoni mingħajr verifika minn qabel - matul is-sena hija wkoll riżultat tal-għadd kbir ta' notifiki - 272 - li rċevijna. Komplejna nsegwu rakkomandazzjonijiet li saru fl-Opinjoni-jiet ta' verifika minn qabel diġà maħruġa u stajna nagħluq għadd konsiderevoli ta' każijiet.

Monitoraġġ tal-konformità

F'Ġunju 2012, nedejna s'f'harriġ dwar il-funzjoni tal-KPD fil-Kummissjoni. Rapport dwar is-sejbiet tagħna kien ipubblikat f'Jannar 2013.

Is-sejbiet jiżvelaw disparità kbira bejn ir-riżorsi allokati għall-funzjoni mid-DĠ: bejn 5 % u 100 % tal-ħin tal-KPD huwa assenjat għall-funzjoni tiegħu bħala KPD. Waħda mill-ewwel konklużjonijiet tar-rapport tagħna hija l-ħtieġa li jiġu stabbiliti kriterji minimi li għandhom jiġu ssodisfati mid-DĠ sabiex tiġi ppreservata n-natura utli tar-rwol. Enfasizzajna wkoll il-prattiki tajba f'ċerti DĠ, bħall-ħolqien ta' indirizz elettroniku funzjonali li jista' jintuża biex jiġi kkonsultat il-KPD. Użajna r-rapport biex nesprimu appoġġ għall-funzjoni tal-KPD bħala waħda li tikkontribwixxi għal governanza tajba.

Fis-17 ta' Ġunju 2013, bdejna r-raba' eżerċizzju ġenerali ta' inventarju tagħna, l-Istħarriġ tal-2013, biex naċċertaw il-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-Regolament fit-62 *istituzzjoni u korpi* kollha. Minbarra l-kwistjonijiet analizzati fi s'f'harriġ preċedenti (il-livell tan-notifiki lill-UPD, il-livell tal-verifika minn qabel, eċċ.) tlabna informazzjoni dwar it-taħriġ tal-protezzjoni tad-data mogħti lill-persunal; il-klawżoli kuntrattwali għal dawk li jipproċessaw; l-involvement tal-UPD fit-tfassil ta' operazzjonijiet ta' pproċessar u trasferimenti ġodda lil riċevituri li mhumiex soġġetti għal dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 95/46.

L-istħarriġ ġenerali jippermettilna nidentifikaw korpi batuti u nieħdu azzjonijiet speċifiċi biex nindirizzaw il-problemi. Ir-riżultati tal-istħarriġ se jiġu ppubblikati kmieni fl-2014.

Ilmenti

Wieħed mid-dmirijiet ewlenin tal-KEPD, kif stabbilit mir-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Data, huwa li jisma' u jinvestiga l-ilmenti, kif ukoll li jagħmel investigazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq il-bażi ta' lment.

Fl-2013, il-KEPD irċieva 78 ilment, tnaqqis ta' madwar 9 % meta mqabbel mal-2012, li jikkonferma l-effettività tal-formola ta' sottomissjoni tal-ilmenti online disponibbli fuq is-sit elettroniku tagħna fit-tnaqqis tal-għadd ta' lmenti inammissibbli. Minn dawn, 48 ilment kienu inammissibbli, u l-biċċa l-kbira tagħhom huma relatati mal-ipproċessar fil-livell nazzjonali, kuntrarju għall-ipproċessar minn istituzzjoni jew korpi tal-UE.

It-30 ilment li jifdal kienu jeħtieġu investigazzjoni aktar fil-fond, tnaqqis ta' madwar 25 % meta mqabbel mal-2012. Barra minn hekk, 20 ilment ammissibbli, li kienu ġew sottomessi fis-snin preċedenti (tnejn fl-2009, wieħed fl-2010, erbgħa fl-2011 u 13 fl-2012), kienu għadhom fil-fażi ta' investigazzjoni, reviżjoni jew segwitu fil-31 ta' Diċembru 2013.

Konsultazzjoni dwar miżuri amministrattivi

L-għan tal-politika tagħna dwar il-konsultazzjonijiet fil-qasam tas-sorveljanza u l-infurzar, adottata f'Novembru 2012, huwa li nipprovdha gwida lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE u lill-UPD dwar il-konsultazzjonijiet lill-KEPD fuq il-bażi tal-Artikoli 28(1) u/jew 46(d) tar-Regolament. Kif ġie deskritt fil-paper, aħna ninkoraġġixxu lill-kontrolluri jissottomettulna konsultazzjoni f'każijiet speċifiċi limitati meta l-kwistjoni tippreżenta: (a) ċerta novità jew kumplesità fejn il-UPD jew l-istituzzjoni jkollhom dubju ġenwin, jew (b) impatt ċar fuq id-drittijiet tas-suġġetti tad-data, jew minħabba r-riskji tal-attivitajiet tal-ipproċessar, inkella minħabba l-ambitu tal-miżura.

Fil-prinċipju, il-KEPD jikkunsidra biss konsultazzjonijiet li l-ewwel ikunu ġew sottomessi għal konsultazzjoni lill-UPD tal-istituzzjoni kkonċernata (l-Artikolu 24.3 tar-Regoli ta' Proċedura tal-KEPD. Fl-2013 irċejeva 37 konsultazzjoni dwar il-miżuri amministrattivi. Ġew indirizzati diversi kwistjonijiet f'dawn il-konsultazzjonijiet inklużi trasferimenti ta' data tal-persunal lir-rappreżentanzi permanenti tal-UE, limitazzjoni tal-iskop u aċċess pubbliku għad-dokumenti li jinkludu data personali.

Gwida orizzontali

Fl-2013, il-KEPD irċieva għadd kbir ta' notifiki għal verifiki minn qabel minn istituzzjonijiet u korpi tal-UE b'rabta mal-Linji Gwida tagħna dwar l-ipproċessar tal-informazzjoni personali fil-qasam tal-liv u tal-ħin flessibbli. Dawn in-notifiki ppermettewlna nanalizzaw l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida b'mod aktar preċiż. Minflok ma adottajna Opinjonijiet ġenerali li tkopri n-notifiki kollha li rċejeva, adottajna Opinjonijiet speċifiċi li jkopru l-operazzjonijiet tal-ipproċessar tal-liv u tal-ħin flessibbli b'mod ġenerali għal kull aġenzija u ffokajna l-analiżi tagħna fuq l-aspetti tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar li marru lil hinn mil-Linji Gwida.

F'Ġunju 2013, ippubblikajna Linji Gwida dwar l-ipproċessar tal-informazzjoni personali fil-kuntest tal-akkwist pubbliku, l-għotjiet, l-għażla u l-użu tal-esperti esterni. Barra minn hekk, bħala segwitu għal-Linji Gwida dwar l-Evalwazzjoni tal-Persunal tal-2011, wettaqna sħarriġ dwar il-konservazzjoni tal-informazzjoni personali f'kuntest ta' evalwazzjoni f'Ġunju 2013. Intbagħat kwestjonarju lill-parteċipanti tal-Workshop dwar il-Konservazzjoni tad-Data tagħna tal-2012 biex niġbru informazzjoni mill-esperti tar-Riżorsi Umani u l-Uffiċjali tal-Ġestjoni tad-Dokumenti dwar ir-raġunijiet għal-limiti ta' żmien eżistenti kif ukoll il-ħin fuq fajls elettroniċi.

Organizzajna wkoll taħriġ bażiku għal UPD ġodda dwar il-proċedura ta' verifika minn qabel; taħriġ speċjali għall-UPD ta' ħames Intrapriżi Konġunti tal-UE; workshops għall-kontrolluri fl-ETF u l-EDA u workshops ġenerali fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika, l-użu tal-apparati mobbli fuq il-post tax-xogħol u fuq is-siti elettroniċi ġestiti mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE.

POLITIKA U KONSULTAZZJONI

Il-KEPD jagħti pariri lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni Ewropea dwar kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-data f'firxa ta' oqsma ta' politika. Dan ir-rwol konsultattiv huwa marbut ma' proposti għal leġiżlazzjoni ġdida kif ukoll inizjattivi oħrajn li jistgħu jaffettwaw il-protezzjoni tad-data personali fl-UE. Ġeneralment, dan jieħu l-forma ta' opinjoni formali, iżda l-KEPD jista' wkoll jipprovdi gwida fl-għamla ta' kummenti jew studji politiċi.

L-għan strateġiku tagħna

Li niżguraw li l-leġiżlatur tal-UE (il-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill) ikun konxju tar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data u l-protezzjoni tad-data u jintegra l-protezzjoni tad-data fil-leġiżlazzjoni l-ġdida.

Xejriet ewlenin

Is-sena 2013 kompliet tkun sena ta' żviluppi kbar fil-qasam tal-protezzjoni tad-data, li tnejn minnhom kellhom influwenza sinifikanti fuq ix-xogħol tagħna.

Id-dibattitu wara l-iżvelar ta' Edward Snowden xeħet dawl fuq il-metodi ta' sorveljanza tal-massa fl-UE u l-Istati Uniti tal-Amerika. L-iżvelar qajjem ħafna sensibilizzazzjoni dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data fost il-pubbliku ġenerali u kien opportunità għalina biex noffru gwida lill-leġiżlatur tal-UE u partijiet interessati oħrajn.

Ir-riforma tar-regoli eżistenti dwar il-protezzjoni tad-data fl-UE kienet tema tas-sena dominanti oħra. Dan il-proġett kellu post prominenti fuq l-aġenda tagħna fl-2013 u se jibqa' hekk aktar ma tkompli tavvanza l-proċedura leġiżlattiva.

Minkejja dawn il-kwistjonijiet u skont ix-xejra tas-snin preċedenti, l-oqsma koperti mill-Opinjonijiet tagħna jkomplu jiddiversifikaw fl-2013. Minbarra l-prijoritajiet tradizzjonali tagħna, bħall-iżvilupp ulterjuri tal-Qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja (AFSJ) jew it-trasferimenti internazzjonali ta' data, qegħdin jitfaċċaw oqsma ġodda, bħall-Aġenda Diġitali u l-internet kif ukoll il-kwistjonijiet finanzjarji u s-saħħa elettronika.

Fl-2013, kien hemm tnaqqis żgħir fl-għadd ta' Opinjonijiet li ħriġna meta mqabbel maż-żieda stabbli tas-snin preċedenti. Fil-parti l-kbira, dan huwa r-riżultat ta' fokus b'suċċess fuq prijoritajiet strateġiċi, inkluża r-reviżjoni tal-qafas tal-protezzjoni tad-data. Il-KEPD ħareġ 20 Opinjoni, 13-il kumment formali u 33 kumment informali dwar

diversi suġġetti. B'dawn l-Opinjonijiet u strumenti oħrajn użati għal intervent, aħna implimentajna l-prijoritajiet tal-KEPD għall-2013, kif stabbilit fl-Inventarju tagħna.

Opinjonijiet tal-KEPD u kwistjonijiet ewlenin

Wara ħafna mill-attivitajiet tagħna dwar ir-riforma tal-protezzjoni tad-data tal-UE fl-2012 u l-Opinjoni tagħna ta' Marzu 2012, bgħatna kummenti addizzjonali lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-Kunsill fil-15 ta' Marzu 2013. Il-kummenti tagħna kienu relatati ma' oqsma speċifiċi li kienu jeħtieġu kjarifika u kienu wkoll reazzjoni għall-emendi proposti mill-kumitati rilevanti tal-Parlament Ewropew.

Sar progress importanti, bħal li l-kumitat LIBE vvota sabiex jappoġġja r-rapport tiegħu fil-21 ta' Ottubru 2013, iżda l-proċess politiku fi ħdan il-Parlament Ewropew għadu mhux komplet hekk kif il-pass finali li jmiss fl-ewwel qari tal-Parlament hija votazzjoni f'seduta plenarja.

Fil-Kunsill, sar inqas progress. In-negozjati bejn l-Istati Membri dwar partijiet importanti tal-qafas leġiżlattiv bħall-mekkaniżmu ta' punt uniku ta' servizz u l-approċċ ta' pakkett li jinkludi Regolament u Direttiva, fost kwistjonijiet oħrajn sensittivi politikament u kkumplikati legalment, għadhom għaddejnin.

Matul l-2013, komplejna nagħtu pariri lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u kkontribwixxajna għad-dibattitu. Ikkontribwixxajna wkoll għall-bidu tal-proċess tar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, li jirregola l-ipproċessar tad-data mwettaq mill-Istituzzjonijiet Ewropej, billi bgħatna ittra lill-Kummissjoni li tiddekrivi l-viżjonijiet inizjali tagħna.

L-Aġenda Diġitali u l-**internet** ġew indirizzati f'għadd ta' Opinjonijiet tagħna. Il-messaġġ prevalenti tagħna kien li nsaħħu l-fiduċja tal-konsumaturi, l-utenti jeħtieġ li jkunu ċerti li d-drittijiet għall-privatezza tagħhom, il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tagħhom u l-protezzjoni tal-informazzjoni personali tagħhom jiġu rispettati. Fl-Opinjoni tagħna dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar *L-Aġenda Diġitali għall-Ewropa - Nixprunaw it-tkab-bir Ewropew b'mod diġitali*, enfasizzajna wkoll il-prinċipju tal-privatezza fid-disinn, il-ħtieġa għal bażi ġuridika xierqa għall-iskambju tad-data bejn id-databases u rreferejna għal gwida estensiva dwar il-protezzjoni tad-data fil-cloud computing mid-DPA u l-KEPD biex tgħin fit-trawwim tal-fiduċja tal-individwi u l-konsumaturi f'dawn it-teknoloġiji ġodda, li min-naħa tagħhom jiżguraw l-iskjerament b'suċċess tagħhom.

Fl-Opinjoni tagħna dwar *is-Suq Uniku Ewropew għall-komunikazzjoni elettronika*, wissejna li l-miżuri proposti se jil-limitaw il-libertà tal-internet bla bżonn. Il-qajna l-inklużjoni

tal-prinċipju tan-newtralità tan-netwerk - it-trażmissjoni imparzjali tal-informazzjoni fuq l-internet – fit-test, iżda għedna wkoll li dan huwa nieqes mis-sustanza minħabba d-dritt kważi illimitat tal-fornituri fil-ġestjoni tat-traffiku fuq l-internet. Wissejna wkoll kontra l-użu ta' miżuri li jintervjenu ħafna fil-privatezza taħt il-kappa wiesgħa tal-prevenzjoni tal-kriminalità jew tal-filtrazzjoni tal-kontenut illegali skont il-liġi nazzjonali jew dik tal-UE, bħala inkompatibbli mal-prinċipju ta' internet miftuħ.

Fl-Opinjoni tagħna dwar green paper *It-tnejn għal Dinja Awdjoviżiva Konverġenti b'Mod Komplet: Tkabbir, Ħolqien u Valuri*, enfasizzajna li modi ġodda ta' distribuzzjoni u konsum tax-xogħlijiet awdjoviżivi jiġġeneraw forom ġodda ta' ġbir u pproċessar tal-informazzjoni personali tal-utenti, mingħajr ma l-utenti jkunu konxji ta' dan jew mingħajr ma jkunu f'kontroll tal-informazzjoni tagħhom. Enfasizzajna li trid tiġi żgurata għall-utenti trasparenza sħiħa f'termini ta' kunsens, ġbir u tipi ta' data personali.

Fl-**AFSJ**, ippubblikajna Opinjonijiet dwar il-*Europol* fejn enfasizzajna li qafas tal-protezzjoni tad-data b'saħħtu huwa importanti mhux biss għas-suġġetti tad-data, iżda jikkontribwixxi wkoll għas-suċċess tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja; u dwar *l-istrateġija ta' ċibersigurtà tal-UE* fejn għedna li ma kienx ċar kif il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data se jiġu applikati fil-prattika: jekk iċ-ċibersigurtà trid tikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-data personali fl-ambjent online, din ma tistax tkun skuża għall-monitoraġġ u l-analiżi illimitati tal-informazzjoni personali tal-individwi.

Fl-Opinjoni tagħna dwar il-proposti tal-Kummissjoni għall-ħolqien ta' sistema ta' *fruntieri intelliġenti* għall-fruntieri esterni tal-UE, aħna kkunsidrajna li wieħed mill-għanijiet iddikjarati tal-proposti kien li tiġi ssostitwita s-sistema "kajmana u mhux affidabbli" eżistenti, iżda l-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni stess ma jindikawx li l-alternativa se tkun effiċjenti biżżejjed biex tiġi ġustifika l-ispejjeż u l-intervent fil-privatezza. Fl-Opinjoni tagħna dwar *PNR UE-Kanada*, erġajna qajjimna dubju dwar in-neċessità u l-proporzjonalità tal-iskemi tal-PNR u t-trasferimenti kbar ta' data tal-PNR lejn pajjiżi terzi.

Fl-Opinjoni tagħna dwar il-*Mudell Ewropew għall-Iskambju ta' Informazzjoni*, enfasizzajna l-ħtieġa għal proċess ta' evalwazzjoni sħiħ tal-istrumenti u l-inizjattivi eżistenti fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, u li l-eżitu tiegħu għandu jwassal għal politika tal-UE dwar l-informazzjoni u l-ġestjoni tal-iskambju komprensiva, integrata u strutturata tajjeb.

B'rabta mas-**suq intern**, hemm għadd dejjem jikber ta' proposti għall-armonizzazzjoni u s-sorveljanza ċentrali

tas-settur finanzjarju. Peress li ħafna jaffettwaw id-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data, fl-2013 segwienhom u flejnienhom mill-qrib. Ippubblikajna Opinjonijiet kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroristi, dwar ħlasijiet fis-suq intern, id-dritt soċjetarju Ewropew u l-governanza korporattiva u l-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku.

Bl-istess mod, hemm xejra dejjem tikber għall-inkorporazzjoni tat-teknoloġiji diġitali meta jiġu pprovduti servizzi tal-kura tas-saħħa li jimplikaw riskji għall-protezzjoni tad-data u l-privatezza. Fil-qasam tas-saħħa elettronika, l-Opinjoni tagħna dwar l-apparati mediċi, il-prekursuri tad-droga u l-pjan ta' azzjoni għas-saħħa elettronika kienu kisbiet ewlenin.

Każijiet tal-qorti

Fl-2013, il-KEPD intervjena f'għadd ta' każijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u quddiem it-Tribunal għas-Servizzi Ċivili.

Il-KEPD għamel sottomissjonijiet orali fi smiġh quddiem l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja fi proċedura għal deċiżjoni preliminari. Dan is-smiġh kien jikkonċerna l-każijiet konġunti Digital Rights Ireland (C-293/12) u Seitlinger et (C-293/12). Iż-żewġ każijiet huma relatati mal-validità tad-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Data 2006/24/KE.

Kienet l-ewwel darba li l-Qorti stiednet lill-KEPD jidher fi smiġh fi proċedura għal deċiżjoni preliminari. Għall-KEPD, dan kien pass importanti li jista' jwassal għal deċiżjoni storika dwar kwistjoni li konna ilna nseguwu mill-qrib għal għadd ta' snin.

Il-KEPD deher fis-smiġh tal-*Kummissjoni vs l-Ungerija* (C-288/12). Dan il-każ huwa t-tielet każ ta' ksur dwar l-indipendenza tal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data, it-tnejn l-oħra huma l-*Kummissjoni vs l-Awstrija* (C-614/10) u l-*Kummissjoni vs il-Ġermanja* (C-518/07) li għalihom inħarġu deċiżjonijiet fl-2012 u l-2010 rispettivament.

Każijiet oħrajn fejn intervjena l-KEPD għadhom pendenti, bħal *Pachitis vs il-Kummissjoni u EPSO* (T-374/07), *Pachitis vs il-Kummissjoni* (F-35/08), *ZZ vs BEI* (il-Każ F-103/11) kif ukoll *Dennekamp vs il-Parlament Ewropew* (T-115/13).

F'Ottubru 2013, il-KEPD talab biex jintervjeni f'żewġ każijiet ulterjuri: *Elmaghraby u El Gazerly vs il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea* (il-Każ T-319/13) u *CN vs il-Parlament* (il-Każ T-343/13).

KOOPERAZZJONI

Il-KEPD jikkoopera ma' awtoritajiet oħrajn għall-protezzjoni tad-data sabiex jipromwovi protezzjoni tad-data konsistenti madwar l-Ewropa. Dan ir-rwol kooperattiv jestendi wkoll għal kooperazzjoni ma' korpi ta' sorveljanza stabbiliti taħt dak li kien it-"tiolet pilastru" tal-UE u fil-kuntest ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira.

L-għan strateġiku tagħna

Li ntejbu l-kooperazzjoni tajba mal-Awtoritajiet għall-Protezzjoni tad-Data, b'mod partikolari mal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, biex niżguraw konsistenza akbar tal-protezzjoni tad-data fl-UE.

Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 huwa magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data (DPA) nazzjonali, il-KEPD u l-Kummissjoni (b'din tal-aħħar tipprovdni wkoll is-segretarjat għall-Grupp ta' Ħidma). Huwa għandu rwol ċentrali sabiex jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tad-Direttiva 95/46/KE.

Fl-2013, komplejna nikkontribwixxu b'mod attiv għax-xogħol tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29. B'mod partikolari, konna involuti ħafna bħala rapporteur jew korapporteur għall-Opinjoni dwar il-limitazzjoni tal-iskop u dwar l-interess leġittimu (is-sottogrupp dwar id-dispożizzjonijiet ewlenin), l-Opinjoni dwar it-template tal-valutazzjoni tal-impatt tal-protezzjoni tad-data fuq in-netwerk intelliġenti (is-sottogrupp dwar it-teknoloġija) u l-Opinjoni dwar id-data miftuħa (is-sottogrupp dwar il-Gvern elettroniku).

Il-kooperazzjoni diretta mal-awtoritajiet nazzjonali hija importanti wkoll għal databases internazzjonali fuq skala kbira bħall-EURODAC, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II (SIS II) u s-Sistema ta' Informazzjoni Doganali (CIS), li jeħtieġu approċċ kkoordinat għas-sorveljanza. Fl-2013, ipprovdejna s-segretarjat għall-Grupp għall-Koordinazzjoni tas-Sorveljanza tal-SIS II il-ġdid (SCG) u komplejna nippresiedu l-EURODAC, il-VIS u l-SCG tas-CIS. Organizzazzjoni żewġ laqgħat fi Brussell għal kull wieħed mill-SCG fl-2013.

Il-bidliet fis-sorveljanza kkoordinata kienu akkumpanjati minn sfidi. Ir-Regolament EURODAC il-ġdid inkluda emendi sinifikanti, bħall-aċċess possibbli mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għad-data tal-EURODAC. Barra minn

hekk, l-SIS II saret operazzjonali. Biex jitnaqqsu l-piżijiet finanzjarji, tal-ivvjaġġar u amministrattivi, stabbilixxjna laqgħat tal-SCG wara xulxin u kellna l-għan li fejn possibbli niżguraw politiki ta' sorveljanza tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira konsistenti u orizzontali.

Il-mudell tal-SCG se jikber fl-2014 bi grupp għall-koordinazzjoni tas-sorveljanza ġdid għas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI). Ikkonsultajna l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data (DPA) nazzjonali u l-Kummissjoni fl-2013 biex inwieżnu l-istatus u l-iżviluppi fir-Regolament dwar l-IMI sabiex norganizzaw l-ewwel laqgħa għall-grupp fl-2014.

Il-mudell ta' sorveljanza kkoordinata sar standard għal-leġislatur tal-UE u l-Kummissjoni pproponietu f'għadd ta' proposti bħal dawk dwar il-Europol, il-fruntieri intelliġenti, il-Eurojust u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew.

Il-kooperazzjoni f'fora internazzjonali kompliet tiġbed l-attenzjoni, speċjalment il-Konferenza Ewropea u dik Internazzjonali tal-Kummissarji tal-Protezzjoni tad-Data u tal-Privatezza. Fl-2013, il-Konferenza Ewropea f'Lisbona ffokat fuq l-iżviluppi riċenti għall-immodernizzar tal-oqfsa tal-protezzjoni tad-data tal-UE, tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-OECD. B'mod partikolari, ġew diskussi l-kunċetti tad-data personali, id-drittijiet tal-individwi fuq l-internet u s-sigurtà tal-informazzjoni.

Il-Konferenza Internazzjonali saret f'Varsavja u ffokat fuq ir-riformi tal-protezzjoni tad-data madwar id-dinja kollha, l-interazzjoni mat-teknoloġija u r-rwoli u l-perspettivi ta' atturi differenti, inklużi s-suġġetti tad-data, il-kontrolluri tad-data u l-awtoritajiet ta' sorveljanza.

Fi ħdan il-qafas tal-Kunsill tal-Ewropa, il-KEPD attenda għal tliet laqgħat tal-Kumitat Konsultattiv tal-Konvenzjoni 108 tal-Kunsill tal-Ewropa. Kien partikolarment importanti għalina li nattendu għal dawn il-laqgħat biex inkunu nistgħu nsegwu u ninfluenzaw l-immodernizzar li għaddej tal-Konvenzjoni.

Il-KEPD ħa sehem ukoll fil-gruppi esperti inkarigati bl-aġġornament tal-linji gwida dwar il-privatezza tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD).

Tajna wkoll kontribut sinifikanti dwar kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-data f'ħafna fora importanti oħrajn bħall-Kooperazzjoni Ekonomika Asja-Paċifiku (APEC), l-Assoċjazzjoni tal-Awtoritajiet għall-Protezzjoni tad-Data Personali għall-Pajjiżi Frankofoni (AFAPDP) u l-Grupp ta' Ħidma Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tad-Data fit-Tel-ekonomikazzjoni (il-Grupp ta' Berlin).

GĦANIJET EWLENIN GĦALL-2014

Dawn li ġejjin huma l-għanijiet li ntgħażlu għall-2014 fi ħdan l-Istrateġija ġenerali għall-2013-2014. Ir-riżultati se jiġu rrapportati fl-2015.

Sorveljanza u infurzar

- **Gwida u Taħriġ**

Il-UPD u l-KPD huma mfietaħ essenzjali biex inkunu verament responsabbli. Se nkomplu niżviluppaw taħriġ u gwida għall-UPD u l-KPD u se nkomplu nrawmu kuntatti mill-qrib man-Netzwerk tal-UPD u l-KPD.

F'dan ir-rigward, għandna l-għan li norganizzaw attivitajiet ta' taħriġ għal UPD ġodda, norganizzaw workshop dwar id-drittijiet tas-suġġetti tad-data u nadottaw linji gwida dwar suġġetti bħad-dikjarazzjoni tal-interessi, it-trasferimenti u l-komunikazzjoni elettronika. Qed nipjanaw ukoll li nagħornaw il-linji gwida eżistenti fid-dawl tal-iżviluppi l-ġodda. Bħala parti mill-pjan tagħna biex nappoġġjaw lill-UPD se nkomplu x-xogħol tagħna dwar il-programm ta' ċertifikazzjoni tal-EIPA għall-UPD.

- **Żjarat**

Fi ħdan l-amministrazzjoni tal-UE, l-impenn tal-ġestjoni u s-sensibilizzazzjoni tal-persuni li jipproċessaw id-data huma kundizzjonijiet essenzjali għas-suċċess fl-iżgurar tal-konformità mal-protezzjoni tad-data. Se nkomplu ninvestu riżorsi għal sensibilizzazzjoni fil-livelli kollha u biex ninvolvu l-impenn tal-ġestjoni, primarjament permezz ta' żjarat.

- **Djalogu aktar mill-qrib ma' istituzzjonijiet tal-UE**

Li niżguraw li r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data jiġu rispettati kif xieraq fi ħdan il-limitazzjonijiet tal-amministrazzjoni tal-UE hija sfida permanenti fix-xogħol ta' sorveljanza tagħna. Se nkomplu ninvolvu ruġna fi djalogu mal-kontrolluri tad-data, iżda wkoll se ntejbu l-lingwaġġ tal-Opinjoni tagħna sabiex nipromwovu applikazzjoni prammatika u prattika tar-Regolament. Se nagħmlu sforzi wkoll biex intejbu l-format tal-Opinjoni tagħna sabiex nagħmlu l-kontenut aċċessibbli kemm jista' jkun.

- **Spezzjonijiet**

L-ispezzjonijiet se jkomplu jkunu element importanti tal-Politika dwar il-Konformità u l-Infurzar tal-KEPD, fuq il-bażi ta' kriterji stabbiliti fil-Politika ta' Spezzjoni tagħna adottata fl-2013.

- **Segwitu għall-Opinjoni u d-Deċiżjonijiet tagħna**

Fis-snin riċenti kien hemm żieda kbira fl-għadd ta' Opinjonijiet ta' verifika minn qabel, minħabba l-iskadenza ta' Ġunju 2013 għall-hekk imsejja verifika minn qabel *ex post*. L-isfida għall-2014 hija li jiġi żgurat li r-rakkomandazzjonijiet li saru f'dawn l-Opinjoni jkunu segwiti b'mod effettiv. Dan se jkun il-każ għall-verifika minn qabel, kif ukoll għall-ilmenti, il-konsultazzjonijiet dwar id-deċiżjonijiet amministrattivi, l-ispezzjonijiet u ż-żjarat.

Politika u konsultazzjoni

- **Qafas legali ġdid għall-protezzjoni tad-data**

Se nkomplu nagħmlu interazzjoni mal-atturi rilevanti kollha fil-proċedura leġiżlattiva li għaddeja għal qafas legali ġdid, kif ukoll mal-partijiet interessati fil-livelli kollha sabiex nilħqu l-għan ta' adozzjoni rapida tal-pakkett leġiżlattiv.

- **Nerġġhu nibnu fiduċja fi flussi tad-data globali wara PRISM**

Se nsewgu mill-qrib l-iżviluppi hekk kif l-istorja ta' PRISM tkompli tiżvela ruġha u se nipprovdur kontribut għall-inizjattivi li jieħdu l-istituzzjonijiet tal-UE, b'mod partikolari, il-Kummissjoni, fil-kuntest tal-bini mill-ġdid tal-fiduċja fi flussi tad-data globali.

- **Inizjattivi biex tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku u l-Aġenda Diġitali**

Il-biċċa l-kbira tax-xogħol ipplanat mill-Kummissjoni fil-qasam tas-soċjetà tal-informazzjoni u t-teknoloġiji ġodda għall-2014 se jiġi ttrasferit mill-2013. Se tingħata enfasi partikolari lill-għan li tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku fl-UE. Ċerti inizjattivi pplanati x'aktarx se jkollhom rilevanza sinifikanti għall-protezzjoni tad-data.

- **Żvilupp ulterjuri fil-Qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja**

Fl-2014, il-programm għall-Qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja adottat fi Stokkolma fl-2010 se jiġi konkluż. Se jiġu adottati sett ġdid ta' linji gwida strateġiċi u pjan direzzjonali pluriennali, u ċerti politiki pplanati li jinbdew fl-2013 se jiġu ttrasferiti.

- **Riformi tas-Settur Finanzjarju**

Minn meta faqqgħet il-kriżi ekonomika, il-Kummissjoni wettqet tiġdid komprensiv tar-regolamentazzjoni finanzjarja u tas-sorveljanza tagħha. Fl-2013, qgħadna attenti ħafna għall-iżviluppi fil-leġiżlazzjoni finanzjarja. Minbarra "Approċċ Evropew ġdid għall-falliment u l-insolvenza" pre-*vis*, li dwaru jista' jkun li noħorġu kumment jew Opinjonijiet, il-maġġoranza tal-miżuri ppjanati għall-2014 huma punti ttrasferiti mill-2013.

- **Ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-operazzjonijiet bankarji**

Wara x-xejra tal-2013, l-inizjattivi żviluppanti fil-livell tal-UE għall-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u s-segrettezza bankarja huma mistennija li jkun sinifikanti għall-protezzjoni tad-data. Apparti l-qafas legali tal-UE dwar il-VAT, il-politiki fiskali jibqgħu 'l barra mill-kompetenzi tal-UE. Madankollu, l-UE qed tappoġġja, tikkoordina jew tikomplimenta dejjem aktar l-azzjonijiet li jieħdu l-Istati Membri dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam fiskali, u b'hekk teżerċita l-kompetenza mogħtija lilha mill-Artikolu 6 TFUE.

- **Inizjattivi oħrajn**

Bħala parti mill-istrategġija tagħna għall-promozzjoni ta' kultura tal-protezzjoni tad-data fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE u għall-integrazzjoni ta' prinċipji ta' rispett għall-protezzjoni tad-data fil-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-UE, inkluż f'oqsma bħall-kompetizzjoni, jista' jkun li niddeċiedu li nagħtu pariri fuq inizjattiva tagħna stess bil-ħsieb li nikkontribwixxu għal dibattiti dwar żviluppi legali u soċjali li jista' jkollhom impatt kbir fuq il-protezzjoni tad-data personali. Billi noħorġu dawn l-Opinjonijiet *preliminari*, aħna nittammaw li nistimulaw djalogu infurmat dwar dawn il-kwistjonijiet importanti li jista' jgħin fil-formolazzjoni ta' Opinjonijiet sħiħa u rakkomandazzjonijiet minn hemm 'il quddiem.

Kooperazzjoni

- **Sorveljanza kkoordinata**

Se nkomplu r-rwol ta' appoġġ tagħna fis-sorveljanza kkoordinata tal-EURODAC, is-CIS u l-VIS, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data tal-Istati Membri u se niżviluppaw aktar ir-rwol tagħna fil-kuntest tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II). Fl-2014, huma mistennija wkoll l-ewwel passi fis-sorveljanza kkoordinata b'rabta mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI).

- **Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29**

Se nkomplu nikkontribwixxu b'mod attiv għall-attivitajiet u l-iżvilupp ulterjuri tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, sabiex niżguraw konsistenza u sinerġija bejni u l-kompiti tagħna stess f'konformità mal-prijoritajiet rispettivi tagħna. Se nżommu wkoll ir-relazzjonijiet bilaterali tajba tagħna mad-DPA nazzjonali. Bħala rapporteur għal ċerti dossiers speċifiċi, se nkomplu mmexxu u nħejju l-adozzjoni tal-Opinjonijiet tad-WP29.

- **Organizzazzjonijiet internazzjonali**

L-organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-Kunsill tal-Ewropa u l-OECD, għandhom rwol importanti fl-istabbiliment tal-istandards u l-iżvilupp tal-politika f'oqsma differenti, inkluża l-protezzjoni tad-data u suġġetti relatati. Il-biċċa l-kbira tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, fl-istess waqt, mhumiex soġġetti għal leġiżlazzjoni tal-protezzjoni tad-data fil-pajjiżi ospitanti tagħhom, iżda mhux

kollha kemm huma għandhom fis-seħħ regoli xierqa għall-protezzjoni tad-data tagħhom stess. Għaldaqstant se nkomplu nikkomunikaw mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, jew biex ninvolvu ruġna magħhom fix-xogħol tagħhom ta' stabbiliment tal-istandards u żvilupp tal-politika, inkella biex ninvolvuhom f'workshops li jkollhom l-għan li jqajmu sensibilizzazzjoni u jiskambjaw prattiki tajba.

Politika tal-IT

Il-monitoraġġ tal-iżviluppi fit-teknoloġija tal-informazzjoni li għandhom impatt fuq il-protezzjoni tad-data u d-diskussjoni relatata dwar il-politika tat-teknoloġija u l-iżviluppi kummerċjali rilevanti se jgħinna biex nikkunsidraw aħjar l-elementi tekniċi fl-attivitajiet ta' sorveljanza tagħna u fil-kummenti tagħna dwar l-inizjattivi politiki tal-UE. Se nkomplu wkoll nikkontribwixxu għal inizjattivi speċifiċi biex nivvalutaw u niżguraw is-sigurtà ta' sistemi tal-IT speċifiċi tal-UE.

- **Linji gwida għall-istituzzjonijiet tal-UE**

Se niffinalizzaw il-linji gwida tagħna dwar ir-reqwiziti legali u l-miżuri tekniċi għall-protezzjoni tad-data personali pproċessata permezz tas-siti elettroniċi tal-UE b'apparati mobbli u f'ambjenti ta' cloud computing. Dawn il-linji gwida se jiffurmaw ukoll il-bażi għall-iżvilupp ta' metodi u għodod ta' sorveljanza sistematiċi u regolari għal dawn l-oqsma.

- **Żvilupp ta' internet konxju tal-privatezza**

Flimkien ma' DPA oħrajn, se naħdmu biex intejbu l-komunikazzjoni bejn l-esperti tal-protezzjoni tad-data u l-komunitajiet tal-iżvilupp, permezz ta' workshops, konferenzi u gruppi ta' ħidma ddedikati, biex nibnu fehim aħjar tal-ħtiġijiet reċiproċi u niżviluppaw mezz prattiċi biex nimplimentaw reqwiziti tal-protezzjoni tad-data u l-privatezza fi protokoll, għodod, komponenti, applikazzjonijiet u servizzi ġodda. Se nfitxu wkoll mezz biex niżguraw li tingħata aktar attenzjoni għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data fl-edukazzjoni tal-inġiniera u l-iżviluppaturi l-ġodda. Għandna l-għan ukoll li nipprovdur pariri lill-aġenziji tar-riċerka dwar l-appoġġ ta' żvilupp teknoloġiku li jiffavorixxi l-privatezza.

- **Infrastruttura tal-IT**

Għall-ħtiġijiet tal-IT tagħna stess, se nkomplu nżidu l-efiċjenza u niżguraw li din tikkonforma mar-reqwiziti kollha fir-rigward tal-protezzjoni tad-data u s-sigurtà. Se nkomplu ntejbu l-proċeduri interni tagħna u l-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizz tagħna. Se niżguraw ukoll li l-programmi ta' taġġilment kontinwi għall-persunal tal-KEPD jikkunsidraw kif xieraq elementi relatati mal-IT.

Oqsma oħrajn

- **Informazzjoni u komunikazzjoni**

F'konformità mal-Istrategġija tagħna għall-2013-2014, se nkomplu nqajmu sensibilizzazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data fi ħdan l-amministrazzjoni tal-UE, iżda wkoll ninfurmaw lill-individwi dwar id-drittijiet fundamentali tagħhom għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data. Biex nagħmlu dan b'mod effettiv, l-isforzi tagħna biex inżidu l-viżibbiltà tal-KEPD bħala esperti fil-protezzjoni tad-data, inkluż fl-istampa u l-pubbliku ġenerali, se nappoġġjaw kemm il-fiduċja tal-pubbliku kif ukoll l-impenn tal-istituzzjonijiet tal-UE.

L-attivitajiet tal-komunikazzjoni tagħna fl-2014 se jinkludu: aġġornament tas-sit elettroniku tagħna u żvilupp ta' taqsimi għall-osservazzjonijiet tal-politika tal-IT tagħna; ir-reviżjoni u l-aġġornament tal-għodod ta' informazzjoni u komunikazzjoni eżistenti (pubblikazzjonijiet, sit elettroniku eċċ.) fil-viżjoni tat-tranżizzjoni fil-mandat il-ġdid tal-KEPD u l-kontinwazzjoni tal-użu tal-lingwaġġ sempliċi tagħna biex nagħmlu l-kwistjonijiet tekniċi aktar aċċessibbli, flimkien ma' eżempji li magħhom jista' jidentifika ruħu l-pubbliku ġenerali.

- **Ġestjoni tar-riżorsi u professjonalizzazzjoni tal-funzjoni tar-Riżorsi Umani**

Id-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda f'Jannar 2014, se jagħtu spinta lill-aġġornament ta' ħafna miżuri ta' implimentazzjoni li jindirizzaw firxa sħiħa ta'

kwistjonijiet tar-Riżorsi Umani (evalwazzjoni, ġestjoni tal-liv, kundizzjonijiet tax-xogħol, eċċ.)

Se nkomplu naħdmu fuq attivitajiet tar-Riżorsi Umani mibdija fl-2013 (Politika tat-Tagħlim u l-Iżvilupp aktar strateġika u reviżjoni tal-Kodiċi tal-Kondotta) filwaqt li nsewju wkoll attivitajiet ġodda bħat-titjib fil-proċeduri ta' reklutaġġ.

It-timijiet tar-Riżorsi Umani u tal-amministrazzjoni eżistenti se jingħaqdu flimkien biex tiżdied il-kapaċità tar-Riżorsi Umani tal-organizzazzjoni. Se nagħmlu sforzi biex nipprovdru l-aqwa kundizzjonijiet tax-xogħol possibbli għall-persunal fi ħdan il-limiti tar-Regolamenti tal-Persunal, sabiex il-KEPD jibqa' jitqies bħala post tax-xogħol ideali, b'persunal ferm immotivat u involut.

KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- kopja waħda:
permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE
(http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE)
(*).

(*). L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

Abbonamenti bi ħlas:

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
(http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).



KONTROLLUR EWROPEW
GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Il-gwardjan Ewropew
tal-protezzjoni tad-data

www.edps.europa.eu



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet



@EU_EDPS